MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 96/2007

Georgine Ellis

VS

Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Georgine Ellis, illi permezz tiegħu wara li ppremettiet:

Illi l-Att ta' Twelid numru mija u sebgħa (197) tas-sena elfejn u erbgħa (2004) relattiv għat-twelid ta' iben l-attriċi James Jude Attard Ellis (dokument A) fih żewġ żbalji billi

(i) fil-parti relattiva għal "Tagħrif dwar it-tarbija" fil-kolonna intestata "Ismijiet Mogħtijin" l-isem "James, Jude" huwa skorrett u jrid jiġi korrett għal "James Jude" kif ukoll

(ii) fil-parti relattiva għal "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", l-isem "James" huwa skorrett u jrid jiġi korrett għal "James Jude Attard Ellis".

Illi fiċ-ċertifikat tat-twelid maħruġ mill-Parroċċa tal-Għarb, Għawdex, l-isem ta' binhom huwa ndikat korrettement bħala James Jude (Dokument B).

Illi inoltre l-istess iben huwa magħruf bil-kunjom "Attard Ellis", u dan kif jirriżulta mill-anness Dokument C.

Illi r-rikorrenti trid li l-Att ta' Twelid ta' binhom jiġi korrett.

Talbet lil din il-Qorti sabiex :

1. Tiddikjara l-Att ta' Twelid numru mija u sebgħa u disgħin (197) tas-sena elfejn u erbgħa (2004) relattiv għat-twelid ta' iebn l-attriċi James Jude Attard Ellis (Dokument A) fih żewġ żbalji billi

(i) fil-parti relattiva għal "Tagħrif dwar it-tarbija" fil-kolonna intestata "Ismijiet Mogħtijin" l-isem "James, Jude" huwa skorrett u jrid jiġi korrett għal "James Jude", kif ukoll

(ii) fil-parti relattiva għal "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", l-isem "James" huwa skorrett u jrid jiġi korrett għal "James Jude Attard Ellis"

2. Tordna l-korrezzjoni ta' l-istess Att tat-twelid billi

(i) fil-parti relattiva għal "Tagħrif dwar it-tarbija" fil-kolonna intestata "Ismijiet Mogħtijin", il-kliem "James, Jude" jiġi sostitwit bil-kliem "James Jude", kif ukoll

(ii) fil-parti relattiva għal "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", l-isem "James" jiġi sostitwit bil-kliem "James Jude Attard Ellis".

Bl-ispejjeż.

Bl-inġunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.
Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors, u ċioe' bħala dokument A, Att ta' Twelid ta' James Jude Attard Ellis maħrug mir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex; bħala Dokument B, ċertifikat tat-twelid maħruġ mill-Parroċċa tal-Għarb, Għawdex; u bħala Dokument C, dikjarazzjoni rilaxxjata mill-Laura Vicuna School.

Rat ukoll ir-rikors ta' l-istess attriċi fejn talbet li tkun tista' tipproċedi għal din il-kawża permezz ta' l-għajnuna Legali.

Rat id-degriet tagħha tal-ħamsa (5) ta' Ottubru elfejn u sebgħa (2007), fejn laqgħet din it-talba.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex fejn eċċepixxa illi :

Illi l-esponenti ma joġġezzjonax illi isem bin l-attriċi

1. jinbidel minn James, Jude Attard Ellis għal James Jude Attard Ellis għal dak illi jirrigwarda l-kolonna "Ismijiet mogħtiojin". Għal dak illi jirrigwarda l-kolonnna intestata "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", sabiex il-korrezzjoni l-oħra tiġi riflessa, l-isem għandu jaqra' James Jude. Ma jistax jiżdied il-kunjom peress illi meta nħareġ iċ-ċertifikat, il-kunjom ma kienx jiżdied mal-isem fuq iċ-ċertifikat, u għaldaqstant ma għandux jiżdied permezz ta' korrezzjoni.

2. Illi stante illi l-bdil ta' isem ma sarx wara xi żball tad-Direttur Reġistru Pubbliku, iżda sar neċessarju minħabba żball tal-attriċi, l-konvenut ma għandux ibati spejjeż.

3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjeż.

Semgħet id-difensuri tal-kontendenti jittrattaw it-talbiet.

Il-Qorti, billi jidhrilha illi dawn it-talbiet huma ġustifikati, u partikolarment in vista ta' dak li jipprovdi l-artiklu mitejn tnejn u disgħin ittra a (292 a), tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula *inter alia* li l-kunjom tat-tarbija għandu jitniżżel taħt il-kolonna intestata "Isem u Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa".

Għal hekk tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-istess talbiet attriċi,

1. Tiddikjara l-Att ta' Twelid numru mija u sebgħa u disgħin (197) tas-sena elfejn u erbgħa (2004) relattiv għat-twelid ta' iebn l-attriċi James Jude Attard Ellis fih żewġ żbalji billi
(i) fil-parti relattiva għal "Tagħrif dwar it-tarbija" fil-kolonna intestata "Ismijiet Mogħtijin" l-isem "James, (coma) Jude" huwa skorrett u jrid jiġi korrett għal "James Jude" mingħajr coma; kif ukoll

(ii) fil-parti relattiva għal "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", l-isem "James" huwa skorrett u jrid jiġi korrett bħala "James Jude Attard Ellis".

2. Tordna l-korrezzjoni ta' l-istess Att tat-twelid billi

(i) fil-parti relattiva għal "Tagħrif dwar it-tarbija" fil-kolonna intestata "Ismijiet Mogħtijin", il-kliem "James, (coma) Jude" jiġi sostitwit bil-kliem "James Jude" mingħajr coma), kif ukoll

(ii) fil-parti relattiva għal "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa", l-isem "James" jiġi sostitwit bil-kliem "James Jude Attard Ellis".

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------